29 ta' April, 1963

**Imħallef:**

**Onor. Prof. Joseph Henry Xuereb, LL.D.**

Giovanni Sciberras

*versus*

Antonio Bezzina

**Lokazzjoni — Rigal — Rifużjoni ta' — Azzjoni għal**

*L-azzjoni għar-rifużjoni ta' rigal mħallas in vista ta' lokazzjoni tispetta lill-inkwilin u mhux lill-persuna li tkun ħallset dak ir-rigal.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur wara li ppremetta illi l-konvenut kera lil terza persuna l-fond numru sitta (6), Saint George's Street, Hamrun, u illi sabiex akkonsenta għal din il-kirja, il-konvenut esiġa u fil-fatt irċieva, barra mill-kera rigal ta' ħamsa u għoxrin lira (£25), li minnu l-attur ħareġ in-nofs, u li skond il-liġi dan mhux permess u hemm lok għar-rifusjoni tal-istess flus imħallsa bħala rigal, talab li — wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet kollha meħtieġa u jingħataw il-provvedimenti kollha xierqa — il-konvenut jiġi kkundannat iħallsu s-somma ta' tnax-il lira u għaxar xelini (£12.10.0d) in rifużjoni ta' somma ugwali li l-attur ikkontribwixxa bi flusu biex iħallas lill-konvenut l-imsemmija somma ta' ħamsa u għoxrin lira (£25), bħala rigal jew kumpens, minnu eżatt u riċevut bħala kondizzjoni biex aċċetta li jikkonċedi b'kiri lit-terza persuna l-fond numru sitta (6), St. George's Street, Hamrun, bl-interessi legali mid-data tal-infraskritta ittra uffiċjali u bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-tletin (30) ta' Jannar, 1963.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha qal li d-domanda tal-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt peress li hu ma ħax flus biex jikkonċedi b'kiri l-fond numru 6, St. George's Street, Hamrun, u barra minn dan hu ma kellu ebda relazzjoni ma' l-attur.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u n-nota tax-xhieda tal-kontendenti;

Semgħet ix-xhieda prodotti u rat dik mogħtija quddiem l-Imħallef Supplenti;

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet preżentati dik ta' l-attur fil-ħamsa (5) ta' April, 1963, u dik tal-konvenut fit-tmintax (18) ta' April, 1963;

Ħadet konjizzjoni tal-proċess wara li semgħet t-trattazzjoni orali;

Ikkunsidrat:—

Illi fil-att taċ-ċitazzjoni l-attur isemmi sempliċiment li hu ħallas u l-konvenut irċieva rigal fl-okkażjoni tal-kiri tal-fond imsemmi, proprietà tal-konvenut lil terza persuna, fil-fatt però l-fatti kienu ferm iżjed komplikati, kif del resto l-attur stess iddettalja iżjed fid-dikjarazzjoni tal-fatti li sostanzjalment ġew pruvati. Dawn il-fatti fil-qosor huma li l-attur, li ried jieħu taħt idejh fond ieħor stess li kien mikri lil ċertu Carmelo Vella (li xeħed) ftehim ma' dan li jmur fil-fond tal-konvenut li dak iż-żmien kien mikri lil ċertu Carmelo Spiteri (li xeħed ukoll) billi dana Spiteri kien dispost jitilqu ħalli jmur f'post ieħor li kien sejjer jiġi vakat minn ħu l-attur stess li emigra l-Awstralja. Il-konvenut esiġa rigal mingħand Spiteri biex fil-fond jidħol Vella, li finalment kien ta ħamsa u għoxrin lira (£25) u billi l-attur irrifonda nofs dan l-ammont lil Spiteri llum qed jitlob ir-rifużjoni ta' l-amont li hekk ħallas (i.e. £12.10) mingħand il-konvenut;

Ikkunsidrat:—

Illi fl-eċċezzjonijiet tiegħu l-konvenut qal fit-tieni lok, illi hu ma kellu ebda relazzjoni ma' l-attur, wara li -ewwel lok semma li ma ħax rigali biex jikri l-fond tiegħu.

Illi fil-fatt l-attur jammetti li hu ma ħallas xejn lill-konvenut billi materjalment dan il-flus irċevihom mingħand Spiteri, iżda jgħid li hu ugwalment għandu dritt jagħmel id-do-

manda preżenti billi hu rrifonda lil Spiteri nofs dan l-ammont u għalhekk, la darba ħlas simili ma setax isir skond il-liġi u hu rifondibbli lil min ikun ħareġ il-flus, l-azzjoni tar-rifużjoni tispetta lilu u lil Spiteri għall-ammont li huma ħallsu, ċioè għal tnax-il lira u għaxar xelini (£12.10.0) kull wieħed;

Illi l-Qorti ma' tistax taqbel ma' dan ir-raġġonament; l-attur ma ħallasx xejn lill-konvenut iżda biss ħallas lil Spiteri u relazzjonijiet tiegħu ma Spiteri jeżulaw mill-meritu tal-kawża preżenti u ma jistgħux jiġu eżaminati u riżoluti speċjalment la darba dan Spiteri mhux parti. Irriżulta li l-attur ħallas lil Spiteri ammont ieħor barra mit-tnax-il lira u għaxar xelini (£12.10.) u dan il-ħlas għandu jitqies parti minn ftehim ġenerali ta' bejniethom; evidentement l-ammont li kellu jitħallas kellu jiddependi minn mod kif Spiteri jispiċċa milli jiftiehem mal-konvenut, però dan ma jfissirx li neċessarjament l-attur għandu l-istess drittijiet kontra l-konvenut (ma' minn ma' kellux relazzjoni diretta) li jista' għandu dana Spiteri (li ttratta mal-konvenut), l-azzjoni tal-attur kontra l-konvenut hi dejjem dik indiretta u jista' biss ikollu azzjoni kemm-il-darba għandu azzjoni kontra Spiteri u dan a sua volta għandu azzjoni kontra l-konvenut. Hu evidenti però li din mhix l-azzjoni li qed jeżerċità l-attur.

Illi s-sottomissjonijiet ġià msemmija dwar ir-rifużjoni eventwali da parti tal-konvenut, mhix aċċettabbli in vista ta' kif svolġew ruħhom il-fatti u partikolarment in vista tax-xhieda ta' Spiteri li ħallas lill-konvenut. Dana Spiteri, xehed li hu ħareġ il-ħamsa u għoxrin lira (£25) kollha, u li quddiem il-konvenut ma sarx diskors li minnu dan seta' jifhem li xi parti kellha tiġi rifuża lilu mill-attur, u qal ukoll, li l-konvenut kien jaf li hu (Splteri), kien sejjer jirċievi ammont talli sejjer jitlaq mill-fond tal-konvenut. Dan ix-xhud ukoll isemmi, li l-konvenut esiġa flus mingħandu biex jippermettilu li jkun jista' jikri l-post lil xi ħaddieħor flok li jitilqu sempliċiment u

hekk dana ix-xhud li għandu nteress personali u l-uniku li direttament kellu relatazzjonijiet tal-konvenut fil-kwistjoni tal-ħlas "de quo") donnu jirrikonoxxi kawżali li tista' tintitola lill-konvenut ma jirrifondilux dak li ħallsu: f'kull każ però jidher ukoll li t-talba għar-rifużjoni da parti ta' dana Spiteri tkun għall-ammont intier imħallas u mhux għal nofsu.

Għal dawna l-motivi:

Il-Qorti takkolji l-eċċezzjoni tal-konvenut fis-sens li l-attur ma għandux kontra tiegħu l-azzjoni minnu esperita, u kwindi tillibera lill-istess konvenut mill-ġudizzju. Bl-ispejjeż kontra l-attur.